Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0180

Ftehim UE-Kanada li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-entitajiet legali Kanadiżi u tal-prodotti li joriġinaw mill-Kanada fl-akkwist skont l-Istrument SAFE

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2026 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kanada li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-entitajiet legali Kanadiżi u tal-prodotti li joriġinaw mill-Kanada fl-akkwist skont l-Istrument SAFE (16853/2025 – C10-0059/2026 – 2025/0413(NLE))

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (16853/2025),

– wara li kkunsidra l-ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kanada li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-entitajiet legali Kanadiżi u tal-prodotti li joriġinaw mill-Kanada fl-akkwist skont l-Istrument SAFE (15810/2025),

– wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 212 u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C10-0059/2026),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 107(1) u (4) u l-Artikolu 117(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra d-deliberazzjonijiet konġunti tal-Kumitat għas-Sigurtà u d-Difiża u tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija skont l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għas-Sigurtà u d-Difiża u tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A10-0144/2026),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Kanada.